# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju, 2020**

**Rikors Numru 659/20 TA**

**Association of Airline Pilots Malta (ALPA)**

**vs**

**Air Malta plc (C 2685)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-Assoċjazzjoni rikorrenti tas-7 ta' Ġunju 2020;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Ġunju, 2020 li permezz tiegħu, fost oħrajn, laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni provvisorjament;

Rat ir-risposta tas-Soċjeta' intimata tat-12 ta' Ġunju 2020;

Rat ukoll ir-rikors tal-Assoċjazzjoni rikorrenti tas-17 ta' Ġunju 2020 li sar ai termini tal-artiklu 873(4) u 1003A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha u l-atti kollha;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ġunju 2020;

Semgħet ix-xhieda li tressqu fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2020;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikorsi kollha imsemmija;

Rat li ż-żewġ rikorsi tħallew għal digriet *in camera*.

**Ikkunsidrat**

Fid-dawl li fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sar ir-rikors tas-17 ta' Ġunju 2020, il-Qorti ser tkun qed tikkunsidrahom fis-segwenza li ġew intavolati u ser tkun qed tipprovdi dwarhom it-tnejn fl-istess digriet finali.

***Ir-rikors abbażi tal-artikolu 873 tas-7 ta' Ġunju 2020.***

Il-Qorti sejra mill-ewwel tgħaddi biex tikkonsidra fis-sustanza dak li qed tipprova tikkawtela l-Assoċjazzjoni rikorrenti u ċioe' r-*redundancy* u d-*demotion* u tibdil fil-kundizzjonijiet tax-xogħol. Mhux ser toqgħod tiddelunga fuq is-soltu ġagulatorja ta' Sentenzi dwar x'inhuma l-elementi meħtiega għall-ottiment ta' ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni. L-elementi meħtieġa huma ben magħrufa għal din il-Qorti. Id-deliberazzjoni ta' din il-Qorti ser tkun imsejsa fuq jekk dawm jesistux jew le.

Ir-*redundancy*

Il-Qorti fehmet li fil-waqt li ser jinżammu 62 pilota, 69 ġew dikjarati *redundant* minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja prekarja tas-Soċjeta' intimata. Dawn is-69 pilota ġew infurmati permezz ta' email tal-5 ta' Ġunju 2020 (ara a' fol 19). L-Assoċjazzjoni targumenta li meta l-mandat ta' inibizzjoni ntlaqa'

provvisorjament id-deċiżjoni tas-Soċjeta' intimata ma kienitx baqgħet fis-seħħ. F'din l-ittra intqal hekk:

"*This communication is intended to inform you that, regrettably, in view of the above, your employment with the Company is being terminated on grounds of of redundancy.*

*The termination of your employment will be effective as on Monday 8 June at 00:01….".* (a' fol 19).

Din l-ittra intbagħtet wara li l-perjodu għall-konsultazzjoni dwar terminazzjoni ta' impiegi kien ġie imġedded għal 60 jum u dan il-perjodu kien skada jew kien fl-aħħar jum tiegħu. Di piu artikolu 43.4 tal-ftehim kollettiv jipprovdi dwar din ix-xorta ta' terminazzjoni, għal kemm irid jingħad li ma jipprovdix b'mod ċar dwar kif għandu jkun il-proċess. Iżda dejjem jibqa' dritt ta' min jimpjega li jekk azjenda ma tibqax finanzjarament b'saħħitha biex iżżomm lill-ħaddiema kollha tagħha fl-impieg, għandha dritt li tittermina basta timxi mal-prinċipji bażiċi tar-relazzjonijiet industrijali. Għall-fini ta' dan il-mandat din il-Qorti mhux ser tkun qegħdha tinvesti dan l-aspett tal-pendenza bejn il-partijiet. Jekk is-Soċjeta' intimata imxietx mal-proċedura jew b'mod ritwali meta itterminat, kif jgħallmu dawn il-Qrati, din hija materja li għad trid tiġi indagata u investita minn dik il-Qorti li tkun adita għal daqshekk.

Meta intbagħtet l-ittra ta' terminazzjoni tal-5 ta' Ġunju, għalkemm l-effett tagħha kellu jibda mit-8 ta' Ġunju, id-deċiżjoni li l-impieg jiġi tterminat abbażi ta' redundancy kienet diġa' ittieħdet. Dan qed jingħad ukoll fid-dawl tad-digriet fl-

ismijiet **Kenneth Spiteri -vs- Vodafone Malta Ltd tal-14 ta' Mejju 2020 per Imħallef Grazio Mercieca** li tratta kwistjoni simili ħafna għal dik li għandha quddiemha din il-Qorti. Huwa ben stabbilit li dawn ix-xorta ta' mandati huma maħsubin biex iżommu fatt milli jsir iżda mhux meta jkun sar. (ara **ukoll Digriet fl-ismijiet James Pearsall -vs- Maurice Zarb Adami tat-23 ta' Lulju 2001**)

Issa minn dak li jirrisulta lil din il-Qorti, id-deċiżjoni li jingħataw is-sensji minħabba *redundancy* kienet diġa' ittieħdet anke jekk b'effett minn xi jiem wara. Dawn ix-xorta ta' proċeduri ma humiex maħsuba li jreġġgħu lura deċiżjonijiet li jkunu diġa' ittieħdu. Għalhekk sa fejn l-Assoċjazzjoni rikorrenti qed titlob il-ħruġ ta' mandat fir-rigward tat-terminazzjoni abbażi ta' *redundancy*, din mhux ser tintlaqa'. Il-Qorti pero' tirribadixxi l-posizzjoni li mhux qed tidħol fil-kwistjoni jekk ġietx segwita l-proċedura korretta biex ittieħdet din id-deċiżjoni.

*<u>Id-demotions u kundizzjonijiet ta' impieg.</u>*

Il-Qorti ħasbet fit tul dwar din il-kwistjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-aspett tal-kwistjoni jippresenta konsiderazzjonijiet differenti minn dik tar-*redundancy*. F'dan il-każ, u dan sa fejn jirrigwarda lil dawk il-piloti li ser jinżammu fl-impieg, din il-Qorti tħoss li l-Assoċjazzjoni rikorrenti għandha *prima facie* dritt x'tittutela tal-membri tagħha. Il-Qorti fil-fatt ħadet nota ta' dak li vverbalizza l-avukat tas-Soċjeta' intimata u ċioe' li dawk it-tletin li ġew *demoted* permezz tal-ittra tal-5 ta' Ġunju 2020 "ma sofrew ebda tnaqqis fil-paga bażika tagħhom u allowances". Iġifieri dawn xorta ser jitħallsu daqs kaptan. Il-Qorti fehmet ukoll li għalkemm fil-*cockpit* tal-arjuplan jkun hemm żewġ kaptani, dejjem ikun hemm wieħed li jkun l-aktar anzjan *in command.* Iġifieri, għalkemm jista' jkun li ma kull kaptan

għandu jkun hemm *first officer* b'dana kollu ma għandu jkun hemm ebda ostaklu jekk ikun hemm żewġ kaptani biex ajruplan ikun jista' jittajjar.

Irid jiġi nnotat, li kuntrarjament għad-deċiżjoni dwar it-terminazzjoni minħabba *redundancy*, sa fejn jirrigwarda d-*demotion*, imkien fl-ittra tal-5 ta' Ġunju 2020 intitolata **Collective Redundancies – Notice of Demotion**, ma hemm imniżżel li d-*demotion* bdiet mid-data tal-ittra. Anzi tinforma li *" … with effect from Monday 8 June 2020 at 00.01* ***you will be demoted*** *to first officer* " (Emfażi tal-Qorti). Fil-każ tar-*redundancy* il-kliem użat huwa *" … is being terminated*". Dwar dan l-aspett tad-*demotion*, dan tassew jista' jkun il-każ li jaffettwa lill-pilota fl-ingaġġ ta' xogħol f'dan il-qasam fil-futur. Dan peress li fil-*log book* tagħhom mhux ser ikunu indikati aktar bħala kaptan, iżda bħala *first officers*. Dan iku ifisser li f'impjieg futur tagħhom il-karriera tagħhom tista' tiġi avversament affettwata indipendentement mill-fatt jekk ikunux għadhom fl-impjieg tas-soċjeta' intimata. Veru li f'artiklu 43.3 tal-ftehim kollettiv is-Soċjeta' intimata rriservat id-dritt li tagħti *demotions,* iżda f'dan ir-rigward, fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-Assoċjazzjoni irnexxilha *prima facie* tipprova, li dawk il-membri tagħha li ser jinżammu fl-impieg u ser ikunu *demoted* għandhom *prima facie* dritt x'jittitulaw. Għalhekk sa fejn jirrigwarda d-*demotions* ta' dawk li ser jinżammu fl-impieg din ser tintlaqa' anke għaliex fil-fehma ta' din il-Qorti, kif spjegat aktar 'l fuq, din id-*demotion* għadha ma ġietx fis-seħħ u għalhekk ma jistax jintuża l-istess raġunament fil-każ tar-*redundancies.*

<u>*Rikors ai termini tal-artikolu 873(4) u 1003 A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta*</u>

Safejn jirrigwarda l-appikazzjoni tal-artikolu 873(4) tal-Kap tal-liġijiet ta' Malta l-Qorti mill-ewwel tafferma li dan l-artikolu ma hux applikabbli għall-fattispecie li għandha quddiemha din il-Qorti. Dwar dan, din il-Qorti kif presjeduta kellha diversi drabi biex tippronunzja ruħha.

Dwar l-applikabilita' o meno tal-artikolu 873(4) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta permezz ta' **digriet fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet Licia Maria Vella –vs- Tlata Contractors Ltd tal-25 ta' Frar 2020** fejn intqal hekk:

"*Minn studju ta' kif evolva l-artikolu 878 tal-Kap 12, wieħed jista' jeddeżumi għal-liema sitwazzjonijiet jista' jintuża s-subartiklu (4). Fil-fehma ta' din il-Qorti din il-proċedura partikulari ma hiex maħsuba għas-sitwazzjoni li għandha quddiemha din il-Qorti, iżda għat-twettiq ta' xogħolijiet materjali ta' bini. Difatti, dan is-subartiklu jipprospetta li jekk bis-saħħa ta' ordni mogħtija l-persuna ma treġġax kollox għal li kien "fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrent biex jagħmel dawk **ix-xogħolijiet kollha rimedjali** li l-Qorti tista' tordnalu jagħmel bi spejjes tal-persuna inibita." (Emfażi ta' din il-Qorti). Fit-test ingliż "such remedial works". Fil-fehma ta' din il-Qorti, id-diċitura tal-liġi sabiex jitreġġa' lura kollox għall-istat li kien fil-mument li jkun ġie presentat ir-rikors, ma tipprestax ruħha għas-sitwazzjoni li għandha quddiemha l-Qorti. Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti ma hux il-każ li jistgħu jiġu ordnati **xogħolijiet rimedjali**. L-għemil li qed tilmenta minnu r-rikorrenti ma jikkonsistix f'xogħolijiet."*

Anke f'dawn il-proċeduri, din il-Qorti ssostni dan ir-raġunament. Tajjeb jew ħażin, din il-parti tal-artikolu 873 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, għalkemm saru diversi tibdiliet fil-liġi u għalkemm in-negozji ġuridiċi tal-lum saru aktar kumplessi

u tekniċi, l-użu tagħha huwa maħsub għal bini u attivitajiet konnessi mal-istess. Dan is-subartiklu partikulari għadu jirrifletti l-utilita' limitata ma' xogħol ta' kostruzzjoni meta l-frekwenza ta' mandat ta' inibizzjoni kienet marbuta minn attivita' edilizja.

Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tarax li għandha s-setgħa fil-liġi li tagħmel dak li qed titlob is-Soċjeta' Attriċi fir-rikors odjern abbażi tal-artikolu inkwistjoni. Fejn il-liġi riedet li tagħti din is-setgħa dan għamlitu. Hekk per eżempju f'artikolu 874(6) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta sa fejn jirrigwarda trasferiment ta' ishma (ara **Digriet fl-ismijiet Daniel Tingström -vs- Ögren tad-19 ta' Frar 2020**). Dan huwa ukoll konfermi mat-tagħlim imnissel mill-massima legali *ubi lex voluit dixit* u dan in ommaġġ mal-prinċipju l-ieħor tas-saltna tal-liġi. Il-Qrati tagħna dejjem għallmu li "*meta l-liġi trid li ssir xi ħaġa, titkellem; meta ma tridx, iżżomm is-silenzju. M'għandniex nisiltu konklużjonijiet materjali mis-silenzju tal-liġi. Fejn il-liġi riedet tippermetti s-sospensjoni tal-iżvilupp, qalitu. Fejn ma tkellmitx, sinjal li ma riditux; kieku riditu, kienet tipprovdi għalih fl-istadju tas-smiegħ quddiem il-Qorti tal-Appell.*" (ara **Digriet Prim Awla tat-30 ta' Diċembru 2019 per Imħallef Grazio Mercieca fl-ismijiet Din L-Art Ħelwa et -vs- Schembri Concrete Blocks Ltd et** ).

Kwantu jirrigwarda il-proċeduri għal disprezz intqal fis-Sentenza fl-ismijiet **Reġistratur tal-Qrati Superjuri v. Kristinu Giordmaina** (25 ta' Settembru 2003 **-** JRM) deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta: "*Il-procedura ta' disprezz ghandha natura partikulari. Hija mahsuba biex thares ir-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti.Wahda mis-setghat ewlenin ta' kull Qorti hija li taghti*

*ordnijiet lil xi hadd, kemm jekk biex il-persuna taghmel xi haga jew biex dik il-persuna ma taghmilx xi haga. ... Kif jghallem* ***Lord Denning****, "This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of Court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt". (****In re Bramblevale Limited*** *– 1970).*

Fir-rigward tan-natura penali ta' dawn il-proċeduri issir referenza għal dak li jiddisponi l-artiklu 997(1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta: *" Fi proċedimenti istitwiti għal xi att jew ommissjoni li tammonta għal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti, il-ħati jista', mal-kundanna, jiġi kkundannat għal priġunerija għal żmien sa xahar jew għal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux iktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew għall-multa u l-priġunerija flimkien."*

Mill-għazla tal-kliem f'dan l-artiklu huwa ċar, li dan l-artikolu ma hux immirat lejn korpi morali iżda fiżiċi. Din il-Qorti ma tistax timmaġina li tikkundanna Kumpanija għall-priġunerija. Huwa minnu ukoll li din it-talba qed issir fil-konfront tad-diretturi tagħha, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor responsabbli. Iżda wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li din il-Qorti trid tkun konvinta lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli li dak li sar kien bl-intenzjoni ċara (mens rea) u speċifikament bi sfida għall-ordni ta' din il-Qorti. Dan qed jingħad fid-dawl li hawn si tratta ta' proċeduri ta' natura penali. Fiċ-ċirkostanzi li sabet fihom is-soċjeta' intimata, din il-Qorti tħoss li dan l-element ma ġiex ipprovat sodisfaċentement ai fini ta' din ix-xorta ta' proċedura.

Għaldaqstant din il-Qorti qegħdha tipprovdi dwar ir-rikors tas-7 ta' Ġunju 2020 għall-ħruġ tal-Mandat ta' inibizzjoni billi tvarja d-digriet provvisorju tagħha li jġib l-istess data u żżommu ferm biss sa fejn jirrigwarda u limitatament għar-rigward tad-*demotions* u tilqa' għalhekk parzjalment u definittivament it-talbiet tal-Assoċjazzjoni intimata sa fejn jirrigwarda biss id-*demotions* u għalhekk tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra s-Soċjeta' intimata f'dan ir-rigward biss u ċioe' tad-*demotions* ta' dawk il-piloti li ser jinżammu fl-impjieg.

Kwantu għar-rikors tas-17 ta' Ġunju 2020 ai termini tal-artikolu 873(4) u 1003A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, għar-raġunijiet fuq premessi it-talbiet kollha qegħdin jiġu miċħuda.

Spejjes jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**Mogħti kameralment illum, 26 ta' Ġunju, 2020.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**